MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Numru. 568/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**
**KONTRA**

**JULIAN GENOVESE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Julian Genovese ta’ 48 sena, bin Emanuel u Carmen nee’ Mallia, mwieled 17 ta’ Frar 1960, Pieta’ residenti fil- fond 106 Flat 4, Micfam, Triq Sant Antnin, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 136860(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, nhar it- 13 ta’ Gunju 2009, ghal habta tat- tlieta neqsin kwart ta’ filghodu, gewwa San Gwann u bnadi ohra;

1) volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, liema hsara hija inqas minn €1164.69 izda aktar minn €116.47 ghad- dannu ta’ Giovanna Genovese, Lizanne Genovese u persuni ohra;

2) bl- imgieba tieghu, ikkaguna lil terzi persuni, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l- propjeta’ taghhom;

3) volontarjament kiser il- bon ordni jew il- paci puublika, b’ ghajjat u bil- glied;

4) ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom fid- dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirijiethom jew gab fix-xejn jew hassar dak li kien ghamlu;

5) qal kliem indicenti li jikkonsisti f’ dagha fil-pubbliku

Il- Qorti hija mitluba li titratta mal- imputat bhala recidiv;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija frott l-imgieba inkorreggibbli tal-imputat. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-

segwenti: fit-12 ta' Gunju 2009, l-imputat kien ghadu kemm gie rilaxxjat mil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin wara li kien skonta sentenza ta' prigunerija, u wara li ghadda s' ghand hanut tax-xorb, mar id-dar fejn kienu jirresjedu l-mara tieghu Giovanna Genovese u bintu Lizanne Genovese. Meta wasal id-dar, tard bil-lejl, meta ra li ma fetahlu hadd biex jidhol gewwa, qabad ighajjat u jkisser u jaghmel storbju shih. F' hin minnhom tela' fuq il-bejt tal-appartamenti fejn kienu joqoghdu martu u bintu u anke tefa' cilindru gass ghal isfel fil-bitha, bil-konsegwenza li saret hsara ulterjuri. Issejjhu l-pulizija u wara hafna attentati ta' perswazjoni, hu waqaf u nizel u gie arrestat minnufih. Sussegwentement hu tressaq il-Qorti fuq dawn l-akkuzi.

Mil-provi prodotti l-Qorti m' ghandha l-ebda dubju li kien l-imputat li ghamel dan l-istorbju shih u dawn id-danni, u li ghalhekk ghandu jwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni kkorroboraw lil xulxin u wasslu biex l-imputazzjonijiet kollha effettivament gew ippruvati u jirrisultaw. Il-Qorti hi konvinta lid an l-agir effettivament inissel biza' f' kull min ikun presenti ghal xenati ta' dan it-tip, aktar u aktar jekk l-istess xenati tkun ghaddejt minnhom diversi drabi qabel, u jkunu ndirizzati lejk, bhal ma gralha mart l-imputat Giovanna Genovese kif jirrisulta mil-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta vjolenza kontra persuna, anke jekk din tissarraf biss fi hsara fi proprjeta'. Dan l-agir ghandu dejjem jigi kkundannat, u meta jibqa' jigi ripetut bla indiskrezzjoni ta' xejn, il-kundanna ghandha tkun wahda effettiva u minghajr riserva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 325, 251B, 338 (bb), 338 (dd), 338 (ee), 412C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija. Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet

ta' Malta ghal tlett (3) snin favur Giovanna u Lizanne Genovese.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------